MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Numru. 203/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANZJAN ANTHONY CASSAR**
**SPETTUR JOHANN J. FENECH**
**VS**
**ANTHONY SCERRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Scerri ta' 44 sena , iben il-mejjet Vincent u Concetta nee' Calleja, imwieled Tal-Pieta' fis-7 t'April, 1960, u joqghod fl-indirizz nru. 48, 'Omm', Triq it-Taghlim, il-Fgura, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 276560M.

Illi huwa akkuzat:

Talli fi Triq 1, Triq 2 u Triq 3, kif ukoll f'inhawi ohra f`Rahal A, nhar it-28 ta' Frar, 2005 kif ukoll fi Triq 4 u nhawi ohra

f’Rahal B, matul ix-xahar ta’ Jannar, 2005, f’hinijiet diversi matul dawn il-jiem:

1. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestea lil Omissis minuri minn Rahal B, liema persuna ghandha l-eta’ ta’ omissis, kontra l-volonta’ taghha, liema delitt sar bhala mezz biex persuna tigi mgieghlha taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

2. Bi vjolenza u b’eghmil zieni, ikkorrompa lill-imsemmija Omissis minuri minn Marsaskala, li hija persuna ta’ that l-eta’, liema delitt sar b’theddid;

3. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minuri Omissis minuri;

4. Offenda l-pudur jew il-morali, b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew f’lok espost ghall-pubbliku;

5. Hedded lil Omissis minuri bil-kliem;

6. F’diversi nhawi ta’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar tliet xhur, fil-waqt li kien qieghed jaghmilha ta’xufier tal-mini-bus omissis u waqt li kien qieghed iwassal diversi tfal tal-iskola, kemm lejn l-iskola u kemm lejn id-dar taghhom, qal kliem jew espressjonijiet ta’ daghha quddiem l-istess minorenni.

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ tal-imsemmija Omissis minuri minn Marsaskala kif ukoll tal-familjari taghha, jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess Anthony Scerri b’obbligazzjoni tieghu nniffsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol 229) fuq liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 14 ta’ Novembru 2006 (a fol 228) fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal- prosekuzzjoni jirrizula illi missier tal-minuri irraporta lill-Pulizija li bintu Omissis minuri giet immolesta minn certu Anthony Scerri, xufier tal-*minibus* ta’ l-iskola li fiha kienet tattendi l-istess minuru ( a fol 15).

Illi ghalhekk l-Uficcjal Prosekutur Cassar kellem lill-minuri illi infurmatu, illi ix-xufier tal-*minibus* kien jitkellem hazin u jidghi waqt li jkun xoghol, u dan fil-prezenza ta’ l-istudenti ta’ l-iskola anka dawk ta’ eta tenera. Il-minuri infurmat lill-Ispettur Cassar bil-kliem vulgari illi dan ix-xufier kien qalilha minn taht l-ilsien, go widintha, u l-istedina oxxena ghal-kongungument karnali li kien ghamlilha (ara a fol 16).

Omissis minuri infurmat lill-Ispettur Cassar illi lejn l-ahhar ta’ Jannar, l-imputat, kuntrarjament ghar-rotta li kien jiehu is-soltu, kien wassal lilha l-ahhar u f’ daqqa wahda kien ghannaqha b’certa forza, ipprova jaqbdilha sidirha, pero hi rnexxilha tinqala minn mieghu u nizlet tigri mill-*minibus*. Kien hemm li qalilha il-kliem :

**“ Issa kun mara,”** kliem li Omissis minuri fehmet li ried ifisser illi hi kellha ma titkellem lil hadd fuq dak li gara. Omissis minuri fil-fatt ma lissnet xejn lill-genituri taghha ghaliex bezghat mill-imputat ghax kienet tafu bhala ragel vjolenti.

In fatti infurmat lill-Ispettur b’zewg incidenti vjolenti;
1. fejn l-imputat darba qabad hadida u ghamel ghall-sewwieq femminili

2. u t-tieni  incident fejn l-imputat beda jghajjat u jheddet lill-istess sorijiet sempliciment ghax qalulu biex jressaq il-*minbus* tieghu ( a fol 18)

Omissis minuri infurmat lill l-Spettur Cassar, li Omissis habiba 1 ta’ omissis sena, studenta , kienet ukoll giet immolestata mill-imputat. Spettur Cassar kellem lill-Omissis habiba 1 quddiem il-genituri taghha pero ma rrizulta xejn minn dak illi allegat Omissis minuri (a fol 19). Spettur Cassar kien kellem ukoll lill minuri Omissis habiba 2 ta’ omissis sena, li giet mitluba takkompanja lill Omissis minuri sabiex din tkellem lid-dirigenti ta’ l-iskola fuq dan il-kaz, u hekk kienet ghamlet.

Spettur Cassar nterroga lill-imputat Anthony Scerri illi ikkonferma li kien xufier ta’ *minibus* tat-tfal ta’ l-iskola.

L-imputat ftakar lil Omissis habiba 1 bhala tifla kwieta, u li darba kien nesiha, u wassalha id-dar l-ahhar  wahda, u li ommha  kienet ghamlet ghalih.  L-imputat cahad illi stieden lilll-omissis habiba 1 tmur fis-seat ta’ quddiem u nnega kull allegazzjoni li ghamlet Omissis minuri, u dan, fi stqarrija mill-aktar dettaljata u voluminuza.  Spettur Cassar wettaq konfront bejn l-imputat,u l-habiba 1 u Omissis minuri u l-imputat baqa’ jichad kull allegazzjoni maghmula fil- konfront tieghu.  L-istqarrija tieghu giet ezebita bhala DOK AC; ic-certifikat tat-twelid ta’ Omissis minuri gie ezebit bhala AC 1 u kwerela tal- genituri taghha giet ezebita bhala AC 2.

Spettur Cassar xehed illi l- konfront bejn l-imputat u Omissis minuri sehh fil-prezenza ta’ omm il-minuri;
u li l-imputat gie arrestat fil-gurnata tas-Sibt u l-isqarrija tieghu ittiehdet il-Hadd 6:25pm.

PS 1210 James Gauci (a fol 34) ikkonferma l-prezenza tieghu waqt il-konfront bejn il-minuri u l-imputat, u il-kontenut ta’ dan il-konfront u ezebixxa DOK PS.

Omissis minuri (a fol 40 et seq), ikkonfermat illi kienet tattendi l-iskola ta’ St X u taghmel uzu mit-transport ta’ l-

iskola, cioe' *minibus* li kienet tigbor lilha u lill ohtha minn vicin id-dar taghha.

(A fol 44) Omissis minuri xhedet illi l-imputat kien juza kliem baxx u vulgari, u kien jidghi quddiem l-istudenti li kienu juzaw it-transport ta' l-iskola. Omissis minuri xhedet illi hi u l-habiba taghha kienu jpoggu quddiem fis-seat tal-*minibus* (bi Omissis minuri hdejn it-tieqa), ghaliex l-istudenti z-zghar kienu jdejquhom. F'okkazzjoni minnhom l-imputat ha l-*mobile phone* tal–habiba taghha sabiex (skond Omissis minuri),

**" hi tipprova taqbez fuqu,"** (a fol 46 ).
**"Dak , darba , jiena kont spiccajt wahdi , u kont jiena imiss biex immur id-dar, u dak inhar qabad hekk jghannaqni"** (a fol 47)

ghafasha mieghu izda hija taghtu daqqa b'minkbejha u rnexxielha tiskappa. **Meta skappat l-imputat ma qalilha xejn.**

Fit-tieni okkazzjoni Omissis minuri tghid illi hi u habibtha kienu kostretti jpoggu fis-*seat* ta' quddiem, u meta l-habiba taghha nizlet mill-*minibus*, l-imputat beda jkellimha b'mod vulgari ghall-ahhar f'widnejha, u jistidinha jkollha x'taqsam mieghu sesswalment (a fol 50). Hija ma qalet lill hadd mill-genituri taghha, ghaliex l-imputat kien **"naqra vjolenti,"** (a fol 51) u minhabba l-fatt illi hassitha skomda titkellem fuq dawn l-affarjiet mal-genituri taghha.

Waqt il-konfront l-minuri xhedet illi l-imputat kien kalm, izda beda jistaqsiha ir-raguni ghal-agir taghha ghaliex hu qatt ma kien ghamillha xi haga hazina (a fol 53).

(A fol 54) L-(Omissis) minuri xhedet illi ma l-imputat ebda student ma seta' imiss ir-*radio* jew xi tieqa, jew jiekol, jew jixrob ; **"xejn ma stajna naghmlu bih,"** (a fol 54). (A fol 55) L-Omissis) minuri xhedet illi, **l-imputat kien jghidilha illi hija kienet l-iktar wahda kiesha fil-*minibus*.**

L-(Omissis) minuri xhedet illi, kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn l-imputat kien cempel lill-ommha,

ghaliex hija ma kinitx toqghod kwieta fil-*minibus* u minhabba l-fatt illi kienet tghid illi kienet ser tkeccih minn fuq ix-xoghol.

L-(Omissis) minuri xhedet illi gieli kien jigi *driver* iehor certu Daniel u certu Toni u ma dawn ma kien ebda problemi. L-(Omissis) minuri xhedet illli hija kienet tat il-*mobile number* taghha lix-xufier Daniel ghaliex hu kien talabulha (a fol 60).

L-(Omissis) minuri xhedet illi l-ewwel incident gara fi Triq 5 fejn l-imputat beda jghannaqa u ipprova ibabbsilha sidirha (a fol 62). L-(Omissis) minuri xhedet illi f'dik l-okkazzjoni, hija kienet bilqgheda hdejn l-imputat ghax habibtha kienet bilqedgha hdejn it-tieqa. L-(Omissis) minuri xhedet illi l-imputat ma kienx waqqaf il-vettura meta ghannaqha, imma kien naqqas l-*ispeed,* u wara xi tlett (3) minuti kienu waslu fejn id-dar taghha. Hija xhedet illli wara l-agir ta' l-imputat, hija kienet bin-nervi. Mistoqsija ghaliex ma resqitx lejn it-tieqa wara dan l-incident, Omissis minuri xhedet illi hija bagqhat f'postha ghaliex il-habiba taghha kienet bilqgheda fejn it-tieqa. L-(Omissis) minuri ikkonfermat li hija ma kinitx qalet lill-genituri taghha, izda dawn saru jafu ghaliex Habiba 3 kienet gzatha lill ohtha, illi hija kienet qedgha tigi mwassla l-ahhar fil-*minibus*.

L-(Omissis) minuri xhedet illi kien hemm hafna studenti li issuspettaw fl-imputat: ohtha, Omissis habiba 2 u Habiba 3. L-(Omissis) minuri xhedet illi kien hemm xniegha illi l-imputat kien abbuza minn omissis habiba 1. L-(Omissis) minuri, xhedet illi habiba 1 kienet qaltilha li l-imputat kien ipprova jiehu kunfidenza zejda maghha, u li kellha toqghod attenta. L-(Omissis) minuri xhedet illi Omissis habiba 2 u habiba 1 **qatt ma qalulha fid-dettal x'kien ghamel l-imputat**. **(A fol 69)** L-(Omissis) minuri xhedet illi**, habiba 1 kienet giet abbuzata darbtejn (2),** u **ftit wara kien qalet li giet abbuzata kemm il-darba.** (A fol 70) Pero terga tikkonferma li habiba 1 **ma qaltilha xejn lilha personalment** , imma saret taf minghand Omissis habiba 2.

L-(Omissis) minuri xhedet illi hija kienet qalet lill-ommha, li l-imputat kien qed jabbuza mit-tfal u li ommha kienet: “ **bhal speci bdiet tghidli ma rridekx quddiem hdejh**,” ( a fol 72). L-(Omissis) minuri ikkonfermat li qabel ma sehh l-incident, l-imputat kien cempel lill-ommha almenu f’sitt (6) okkazzjonijiet dwar l-agir ta’ l-istess minuri, u kien ga ghadda dak il-perjodu taz-zmien li hija kienet projbita li tirkeb fis-seat ta’ quddiem tal-*minibus*. (A fol 73) Il-minuri xhedet **illi kienet hi li talbitu sabiex joqghodu fis-*seat* ta’ quddiem** u dan ma kienx kontra l-ordni t’ ommha li kienet qaltilha biex toqghod attenta.

(A fol 74) L-(Omissis) minuri tghid illi it-tieni okkazzjoni (meta kien qieghed ikellimha go widnejha ), sehhet meta kienu fejn omissis lejn Wied il-Ghajn u kien hemm xi hames studenti fil-*minibus* inkluz ohtha. F’din it-tieni okkazzjoni Omissis minuri tghid illi kienet bilqgheda fejn id-*driver* ghaliex il-habiba taghha kienet miggielda max-xufier.

Il-Qorti taghraf illi ikun ghaqli illi tikwota il-bran segwenti:

**“Qorti : Ghalfejn ma kontx hdejn it-tieqa?**

**Xhud : Ghax dakinhar habibti kienet miggielda minn mieghu, u ahna spiccajna gejna tard ghall-van, u qaltli biex noqghod hdejh qedtilha jien ma rridtx noqghod hdejh, kont diga’ qedgha bin-nervi ghax minn mindu prova jaghmilli hekk ma qadtx aktar kwasi quddiem, spiss kont noqghod minhabba li ma konniex insibu post wara, u qaltli u ejja mhux ghal llum biss, u nsomma u poggejt jiena minn hemmhekk u poggejt hdejh imma kont bin-nervi, insomma u imbaghad kif nizlet hi, qabad ikellimni u jistaqsini hafna mistoqsijiet u hekk”** ( ara xhieda a fol 74).

Omissis minuri xhedet illi l-habiba taghha kienet nizlet ix-Xghajra u li pero minn hemm il-quddiem baqghat bilqgheda fejn kienet **u ma resqitx lejn it-tieqa**.

Mitluba tghid ghalfejn ma ccaqilqitx lejn it-tieqa ,Omissis minuri wiegbet :

**“Ghax kif qedlek fil-bidu, kont qedgha, jien ma nhobbx niccaqlaq mill-post, qedt ahjar nibqa fil-post fejn qedgha halli zgur imbaghad ma jaghmilli xejn”**
( ara xhieda a fol 75).

Mitluba tghid ghaliex ma resqitx lejn it-tieqa , Omissis minuri tirrispondi:

**“ma kienx jaqbilli”** (ara xhieda a fol 75).

**Minn dan il-punt il-quddiem il-Qorti ghamlet diversi domandi u twissijiet lill-minuri li baqghet issostni illi hija ma kinitx qedgha tivvendika ruhha mill-imputat, jew kienet qedgha tpattijilu, u lanqas ma kienet invenzjoni u baqghet issostni li ma kinitx qedgha tigdeb.**

Mitluba tghid ghaliex ma marritx tpoggi m’ ohtha fil-parti ta’ wara tal-*minibus* wara li nizlet il-habiba taghha, l-(Omissis) minuri tghid illi ma kinitx ha toqghod tbiddel il-post allavolja l-imputat qatt ma kien zammhom milli jaghmlu hekk.

L-(Omissis) minuri xhedet illi *driver* precedenti kien cajtier hafna ma’ l-istudenti waqt illi Toni ma kienx.

(A fol 82) L-(Omissis) minuri xhedet illi, qatt ma kienet semghet kliem mhux xieraq qabel l-incident ta’ l-akkuza. Mistoqsija dwar il-kliem li allegatament lissen l-imputat f’widnejha l-minuri tghid :

**“Ghax certu kliem tismaghhom *allright,* ghax tismaghhom minghand shabek, imma qatt ma gie wiehed jigi missieri jghidli dawk l-affarjiet lili,”** ( ara xhieda a fol 82),

Ghalhekk kienet marret tistaqsi lill-shabha u lill-ommha, u ommha kienet spjegathomlha.

(A fol 84) L-(Omissis) minuri tghid illi l-kliem kolha li kien qalilha l-imputat kienet taf xi jfissru. (A fol 85) L-(Omissis)

minuri tghid illi kienet tisma lill-tfajliet akbar minnha jitkellmu fuq is-sess u jirrakontaw l-esperjenzi taghhom l-iskola. Ikkonfermat (a fol 86) illi hija qatt ma ippartecipat f'avventuri sesswali bhalma kienu ghamlu shabha ta' l-iskola, **"hi biss ma cekcikx"** ( a fol 86).

Il-minuri xhedet illi hija tmur Paceville meta tohrog u tmur fil-*clubs Footloose* u *Seven Rooms.*

Omm il-minuri (a fol 102 et seq) omm, xhedet illi kienet indunat li l-minuri kienet aktar kwieta mis-soltu, u ghalhekk kienet staqsitha x'kien gara u marret tkellem lill-*Head Teacher* ta' l-iskola li taghtha parir li tkellem lill- *counsellor*, hi qaltilha li bintha kellha xi haga li qedgha iddejjaqha, u li kellha tkellimha l-counseller, illi xi ftit jiem wara il-*Head Teacher* kienet baghtet ghaliha u qaltilha li id-*driver* tal-*minibus* kien ta' fastidju lill-bintha u illi ghalhekk hi u missierha ghamlu rapport lill-Pulizija intavolaw kwerela DOK AC2 li ikkonfermat. Omm il-minuri ikkonfermat li l-minuri u ohtha kienu tfal addottativi taghha.

Habiba 1, ta` (omissis) sena (a fol 108 et seq), xhedet illi id-*driver* Anthony Scerri fi Frar ta' 2003 kien nesa iwassalha tul ir-rotta tieghu u qalilha biex titla fis-*seat* ta' quddiem sakemm iwassalha, izda din baqghet f'postha. Hija xhedet li dan ix-xufier kien talabha tghidlu is-sigrieti taghha, u hi ma qaltlu xejn. Habiba 1 xhedet li hija hasbet li ix-xufier ried ikun jaf kemm il-darba kellhiex xi *date* ma xi guvni, illi hija qalet fuq dan l-incident lill-habiba 4, habiba 2 , habiba 5 u lill-mama taghha li marret tkellem lis-sid tal-*minibus* Charles Schembri.

(A fol 115) Habiba 1 ikkonfermat il-konfront bejnha u l-imputat, u l-verzjoni taghha. Habiba 1 tat rakkont tas-sekwenza ta' kif l-imputat kien nesiha fir-rotta u wassalha tard, kif sussegwentament kien nesa jghaddi ghaliha u kif il-mama taghha marret tkellem lill-Charles Schembri. (A fol 129) Habiba 1 xhedet illi Omissis minuri qatt ma kienet habiba taghha. Hija ikkonfermat illi Omissis minuri ma qaltilha xejn fuq l-imputat u hija kienet semghet minghand studenti ohra inkluz habiba 6. Hija xhedet illi l-mama taghha u l-mara ta' l-imputat kienu hbieb. Habiba 1 xhedet

illi hija kienet id-dar meta l-mara ta’ l-imputat giet tkellem lill ommha, u li meta semghet lill-mart l-imputat tibki, hija harget u qaltilha li ga kienet haffret lill- zewgha.

Omm habiba 1, ikkonfermat ix-xhieda ta’ bintha .Ikkonfermat li marret tkellem lill Charles Schembri sid il-*minibus*. Omm habiba 1 ikkonfermat li hija kienet canfret lill-imputat dik il-gurnata stess meta kien wassal lill-bintha l-ahhar.

Habiba 2 (a fol 152) ta’ omissis sena kkonfermat li l-(Omissis) minuri kienet qaltilha li x-xufier tal-*minibus* kien ghaddilha kummenti sesswali u li kienet qedgha tibza’ tghid lill-ommha, u ghalhekk kienet talbitha takkompanjaha sabiex tkellem lill-*Head Teacher*, hi accettat u marru tnejn ikellmu lill Sister 2 li wara li semghet lill-(Omissis) minuri, cemplet lill-genituri taghha. L-(Omissis) habiba 2 ikkonfermat ukoll li kienet marret l-ghassa tal-pulizija ma omm il-minuri. (A fol 156) Habiba 2 innegat li kienet habiba tal-qalb ta’ (Omissis) minuri ghaliex qabel l-incident **“l-(Omissis) minuri kienet ilha tajjarni lilsbjana u xerditha ma l-iskola li jien kelli x’naqsam ma’ tifla ohra.”** Filfatt Habiba 2 xhedet illi, hija u (Omissis) minuri bilkemm kienu jitkellmu. Habiba 2 xhedet illi l-imputat kien qallilhom sabiex joqghodu fuq wara (a fol 161), u dan ghaliex (Omissis) minuri kienet il-hin kollu tbaghabas mar-*radio* tal-*minibus*. Habiba 2 tinnega li qatt cemplet lill-Toni. ( A fol 167) **Habiba 2 xhedet illi l-(Omissis) minuri kienet persuna verament kiesha, kienet tindirizza id-*driver* bi kliem baxx, u kellha hafna kunfidenzi zejda**. Ghall-rigward id-diskors li kienet tuza (Omissis) minuri qed issir referenza (a fol 170, 171). Habiba 2 ikonfermat li omm habiba 1 kienet qaltilha li Toni **qatt ma kien ghamillha xejn**.

WPC 4 Anita Schembri (a fol 187) ikkonfermat ir-rapport ta’ (Omissis) minuri ,waqt li PS 1210 (a fol 189) ipprezenta l-okkorenza DOZ PSZ.

Missier il-minuri (a fol 195) kkonferma r-rapport li ghamel mal-Pulizija rigward l-agir u diskors mhux xieraq daparti, tax-xufier tal-*minibus* tat-tfal tieghu. Illli wara dan l-

incident bintu (Omissis) minuri kienet inghalqet fiha nfisha, tant li kienu ikkonsultaw ma psikologa Dr. Mariella Blackman.

PC 100 Terrence Azzopardi (a fol 199), ikkonferma ir-rapport ta’ missier il-minuri u l-okkorenza DOK PSY.

Dr. Mariella Blackman (a fol 213), ikkonfermat li (Omissis) minuri xtaqet tahfer lill-imputat u ezebit DOK A.

(A fol 244) Missier il-minuri ikkonferma li hu u martu kienu addotaw lill-(Omissis) minuri meta din kellha omissis snin, u Oht meta kellha omissis snin.  Huwa xehed li (Omissis) minuri kienet ferrihija, waqt li ohtha kienet kwieta.  It-tnejn imorru l-istess skola cioe, *St X School*.  Huwa ikkonferma li (Omissis) minuri gieli harget ma’ *boyfriends* pero aktar kienet tohrog mal-gruppi ta’ tfal tamparha. Ikkonferma li (Omissis) minuri kienet  tmur *Paceville* meta tohrog.

Omm il-minuri in kontro ezami ikkonfermat li (Omissis) minuri u ohtha kienu tfal li hi u ragel taghha addotaw mir-pajjiz omissis meta (Omissis) minuri kellha omissis snin u kien ilhom fi stitut fir-pajjiz omissis bejn omissis snin.  Qatt ma kellha rapporti hziena dwar l-agir ta’ (Omissis) minuri mill-iskola, izda wara dan il-kaz kienet haditha ghand il-Psikologa Mariella.

Dr. Blackman in kontro ezami (a fol 268) xhedet illi hija kienet *Counselling Psychologist*, u illi l-(Omissis) minuri kienet baqghet tmur ghandha u kienu jitaqghu xi dartejn fis-sena.  Ikkonfermat illi (Omissis) minuri qatt ma qaltilha li kien hemm xi kaz ta’ abbuz meta hi kienet l-orfanatrofju.  Dr Backman xhedet illi (Omissis) minuri tbaghti minn *Post Traumatic Stress Disorder* u dippressjoni li hija sintomi ta’ din id-dizordni.  Hija ikkonfermat li qatt ma irreferit lill-(Omissis) minuri ghand Psikjatra.  Dr Blackman ikkonfermat illi hija kellha *Masters* f’*Counselling Psychologist u*  PHD minn *City University London*.

(A fol 288) Il-kwerelanti inkluza (Omissis) minuri irrinunzjaw l-azzjoni kriminali kontra l-imputat.

Dr Blackman (a fol 289) ikkonfermat DOK MXB u MXB1.

L-imputat Anthony Scerri a fol 302 ikkonferma li huwa kien ilu xufier mat-tfal ta’ l-iskola, bejn tmienja (8) u disgha (9) snin qabel ma gara dan l-incident u fi zmien ta’ l-incident kien impjegat ma’ Charles Schembri. Huwa xehed li ix-xufier ta’ qabel kien wissih li kellu joqghod attent ghall-tfal ta’ l-iskola ta’ dak il-vjegg u b’mod specjali ghall-(Omissis) minuri u l-habiba taghha. L-imputat spjega illi (Omissis) minuri kienet tpoggi fis-*seat* ta’ quddiem tbaghbas l-*istereo*, tirrifjuta li tilbes is-*seat belt*, tohrog rasha mit-tieqa u tittanta lill-kulhadd, illi ghaldaqstant hu kien ipproibihom milli jpoggu fis-*seat* ta’quddiem.

L-imputat xehed li (Omissis) minuri tant kienet *trouble maker* illi sahhansitra qalet lill-omm l-istudenta habiba 7, li huwa kien qieghed jghajjat ma bintha ghaliex din kienet torqodlu waqt il-vjegg. L-imputat semma okkazzjoni ohra fejn l-(Omissis) minuri qalet lit-tfal tal-*minibus* kollha biex ma’ jpoggux hdejn l-istudenta habiba 8, ghaliex kellha l-qamel. Waqt li f’okkazzjoni ohra wara li studenta irremettit fil-*minibus,* (Omissis) minuri bdiet iddahhaq lill-istudenti kollha biha, tant li kien mar jitkellem mas-sorijiet fuq (Omissis) minuri. (A fol 308) L-imputat ta’ ezempji ohra tad-diskors arroganti Huwa spjega ir-rotta minn fejn kien jghaddi, l-incident fejn nesa’ lill-habiba 1.

L-imputat jallega illi (Omissis) minuri kienet ipprovat taghakkes (*bullying*) lill-istudenti fuq il-*minibus* u l-imputat kien jifqilha. L-imputat xehed illi kien talab lill-imghallem tieghu inehhi lill-(Omissis) minuri minn fuq ir-rotta tieghu u qallu illi kien lest illi jirrezenja mill-impjieg tieghu. L-imputat xehed illi huwa kien kellem lill-genituri diversi drabi dwar binthom (Omissis) minuri, u filfatt darba kien waqqaf lill-missierha Wied il-Ghajn sabiex iwwisiha. (A fol 311 u 312) L-imputat informa lill-Qorti dwar il-mizuri kollha li pprova jiehu sabiex (Omissis) minuri ma tkunx ta’ periklu ghalih u ghall-istudenti l-ohra waqt is-sewqan. L-imputat iddikjara illi l-(Omissis) minuri gidbet fuqu, jinnega li qatt kien jitkellem hazin, jew jghid kliem mhux xieraq, jew jidghi. Jinnega b’mod vociveferu li qatt mess lil din it-tifla, anzi (a fol 315) jghid li hu kien ghamel kollox biex isikket u

jikkoregi lill-din it-tifla u sabiex jipprotegiha mill-agir perikoluz taghha fil-*minibus*, bhall meta kienet tohrog rasha barra mit-tieqa tal *–minibus*. Jinnega wkoll kull allegazzjoni li ghamlet l-(Omissis) minuri ghall-rigward l-agir tieghu mas-sorijiet jew mal-membri tal-pubbliku. L-imputat jikonferma li l-(Omissis) habiba 1 kienet tifla kwieta u qatt ma qalghet inkwiet. Hu ta l-ispjegazzjoni ta' l-incident kollu (a fol 324 u 325).

Joe Micallef (a fol 332) ikkonferma li kien propjetarju tal-*minibuses* u l-imputat kien jahdem mieghu. Micallef xhed li hu qatt ma kellu lmenti minghand il-genituri dwar l-imputat. Ikonferma illi kien hemm okkazjonijiet fejn kien hadem vjegg ma dawn it-tfal li kien iwassal l-imputat u ikkonferma a fol 334 u 335 l-agir dominanti u skabruz ta' l-(Omissis) minuri. Ikonferma wkoll li l-agir ta' l-(Omissis) minuri kien dizgustanti u filfatt hu kien ghamel rapport lill-*Head Teacher* .

Omissis Sister ma tistax tiftakar l-ilmenti li saru mill-imputat u Joe Micallef pero, ftakret li l-(Omissis) minuri kienet tifla mqarba.

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess, johrog b'mod evidenti, illi l-(Omissis) minuri tifla li kienet giet adottata mir-pajjiz omissis meta hija kellha omissis snin, kienet tifla qalilha, dominanti u tifla li tfittex l-inkwiet, tittanta xemx ghaddejha , u tifla li taf tirrecta u taf tilghabha tal-vittma. Illi minkejja illi l-(Omissis) minuri ipprovat tpingi ruha ta' "vittma" ta' abbuz sesswali mix-xufier tal-*minibus* ta' l-iskola taghha, beda johrog car mar-rakkont ta' din il-"vittma"**, l-malizzja taghha** u kif ghazlet tivvendika ruha mill-imputat sempliciment ghaliex kien ragel ta' l-affarjiet tieghu, pprova jifqilha , u ghamel li seta' biex jikkoregiha u jipprotegiha mill-agir irresponsabbli taghha meta kienet tohrog rasha mit-tieqa tal-*minibus* .

Il-Qorti rat u ezaminat id-dispozizzjoni 637 tal-Kap 9 li jipprovdi :

**"Any objection from any of the causes referred to in articles 630, 633 and 636, shall affect only the credibility of the witness, as to which the decision shall lie in the discretion of those who have to judge of the facts, regard being had to the demeanour, conduct, and character of the witness, to the probability, consistency, and other features of his statement, to the corroboration whichy may be forthcoming from other testimony, and to all the circumstances of the case."**

Illi ix-xhieda ta' l-(Omissis) minuri hija mizghuda b'inkonsistenzi u l-Qorti a skans tar-repetizzjoni , taghmel referenza ax-xhieda ta' l-(Omissis) minuri fejn jirregwarda il-posizzjoni taghha fuq il-*minibus,* fejn minn fol 73 sa fol 75, biddlet il-posizzjoni taghha b'mod ripetut, tant li l-Qorti wissiet lill-din il-minuri diversi drabi. Minn dan il-punt il-quddiem, kien car illi ix-xhieda ta' l-(Omissis) minuri kienet sinfonija ta' gideb sfaccat. L-(Omissis) minuri habet li din il-Qorti ma kinitx ser tisma' t-testimonjanza ta' shabha u dan kien l-ikbar zball taghha. **Dan qed jinghad il-ghaliex ebda wahda minn shabha ma ikkonfortaw l-hrejjef ta' l-(Omissis) minuri anzi taw stampa pjuttost kerha ta' l-agir ta' din it-tfajla.**

Minn naha l-ohra l-Qorti ghanda quddiema stqarrija dettaljatissima ta' l-imputat li hija ic-cahda mill-bidu sa l-ahhar ta' kull allegazzjoni li ghamlet l-(Omissis) minuri. Din l-isqarrija giet ikkonfermata mill-imputat bil-gurament quuddiem din il-Qorti fejn l-imputat amplifika il-martirju li ghadda minnu kemm waqt li kien xufier ta' din it-tifla, kif ukoll ghal dak kollu illi ghadda minnu f'dawn il-proceduri.

Ili il-Qorti ghandha quddiema wkoll ix-xhieda bil-ghaqal ta' Joe Micallef fuq l-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' Omissis Sister.

Il-Qorti taghraf illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri l-(Omissis) minuri uriet ix-xewqa taghha, tramite il-genituri taghha u l-psikologa taghha Blackman, li tirrinunzja ghall-azzjonijiet kriminali u hija biss tali ir-rinunzja u l-*background* sfortunat ta’ din il-minuri, li raznet il-Qorti milli torna li jittiehdu proceduri kriminali kontra l-istess minuri ghall-spergur.

Ghall dawn il-mottivi il-Qorti issib l-imputat mhux hati skond l-akkuzi dedotti kontra tieghu u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------